MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Numru 819/2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoninijiet dedotti kontra Rodianne Bonnici ta’ 22 sena bint Raymond Brincat u Rita’ nee Marlow imwielda l-Pieta’ fis-26 ta’ Novembru 1981 u residenti Lovebirds Triq Dun Karm Sant Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 648781 (M)

Akkużata tali f’dawn il-Gżejjer fix-xahar ta’ Novembru 2003 u fix-xhur ta’ wara b’diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi

(a) għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew infurmati, nkella illi żiedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dwk l-atti jew skritturi kellhom

ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe għamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' A Saliba u ta' persuni oħra fuq document maħsub ghall-Employment and Training Corporation u iktar talli xjentement għamlet użu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
(b) Ukoll sabiex tikseb xi vantaġġ jew beneficcju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz u san bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Rodianne Bonnici li jġib in-numru 6487 tas-sena 1981; il-fedina penali tagħha a fol 3 u 4; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji a fol 5; il-kunsens ta' l-imputata sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, fol 8; l-istqarrija ta' l-imputata a fol 14 u 15; id-dokument a fol 16; id-dokument a fol 50 sa 60 tal-proċess u l-verbal li fih din il-kawża kienet differita għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

L-ispettur Helga Debono qalet li kienet rċeviet rapport minn ċertu Anthony Saliba li fuq xi formola ta' l-ETC kien hemm firma falza. Dan Anthony Saliba qal li din il-formola qatt ma kien raha u qatt ma mlieha u lanqas iffirma hu. Is-Sur Anthony Saliba qal li kien tkeċċa mill-kumpanija u kien qed ifittex lill-kumpanija minn fejn ħarġet din il-formola għaliex hu kien tilef xi injury money li suppost kien ħa meta tkeċċa meta kien on duty u weġġa'. Meta kellem lil Janice Dalli li taħdem bħala payroll clerk ma C&M Schembri Holdings, din kienet għarrfet lill-ispettur li s-Sur Anthony Saliba ma kienx hemm bżonnu ġo kumpanija waħda allura kienu ttrasferewh ġo kumpanija oħra. Din Janice Dalli s-soltu tkun in charge mix-xogħol tal-mili tal-formoli iżda peress li kellha ħafna x'tagħmel kienet tablet

lil Rodianne Bonnici sabiex tgħinha. Milli jidher din Rodianne Bonnici qatt ma kellha l-mensrea sabiex tagħmel xi falsifikazzjoni ta' l-ETC form.

Is-Sur Anthony Saliba kien qal li l-firma li kien hemm lanqas biss kellha x'taqsam ma tiegħu. Effettivament Rodianne Bonnici kienet imliet il-vojt ta' fejn suppost kien hemm il-firma ta' Anthony Saliba sempliċiment għaliex dan Anthony Saliba ma kienx qiegħed ix-xogħol dak il-ħin.

Stqarrija ta' l-imputata

Fit-3 ta' Mejju 2004 l-imputata kienet qalet illi hi fil-fatt hija accounts clerk u mhux payroll clerk ma C&M. Hija kienet spjegat li d-dokument kien jimtela biex juri t-tmiem u l-bidu ta' l-impieg ta' impjegat. Qalet ukoll li kienet tagħmel ix-xogħol flok Janice Dalli. Din kienet qaltilha li kien hemm transfer biss minn kumpanija għal oħra u ż-żewġ kumpaniji jaqgħu taħt l-istess holding. L-imputata qalet li ma rajt xejn ħażin billi timla kollox hi partikolarment billi ma kienx hemm l-impjegat preżenti. Hi kienet ffirmat fejn kien hemm firma ta' l-impjegat iżda qatt ma għaddielha minn moħħha li qed tiffalsifika firma ta' ħaddieħor (fol 15). Ikkonfermat li kienet għamlet il-firma ta' Anthony Saliba hi iżda ma ppruvatx timita l-firma ta' ħaddieħor u użat l-istess kalligrafija tagħha. Meta kienet mistoqsija jekk il-kumpanija setgħetx ggwadanjat minn dan id-dokument, hija qalet naħseb li xejn għax kien hemm biss kwistjoni ta' transfer.

Xehed ukoll Edwin Mallia, senior executive ETC. Huwa kien qal illi veru li din il-kumpanija kienet taqa' taħt l-istess grupp C&M a fol 18 u qal ukoll għall-mistoqsija tal-Qorti jekk fil-formola ġieli jkunx hemm signature of employee vojta, li fil-fatt huma jaċċettawha għax l-employer huwa marbut bil-liġi li javża, pero imbgħad ir-riċevuta kemm lill-employer jagħtuha kif wkoll lill-impjegat, (fol 19).

Xehed ukoll Anthony Saliba li qal li hu kien bl-injury u mar il-Labour Office u dawn qalulu li ma setgħux imexxu għaż-żmien kollu għaliex huwa kien inqaleb minn kumpanija għal oħra. Kienu ġibdulu l-attenzjoni għall-firma u qallhom

li dik mhix il-firma tiegħu. U lanqas biss kien jaf bid-dokument. Fil-kontro eżami qal li kien weġġa' fl-14 ta' Ottubru 2003. Effettivament id-dokument juri d-data ta' meta mtela u cioe 13 ta' Novembru 2003. Il-prosekuzzjoni staqsietu jekk hu kienx sofra xi ħaġa minħabba dan id-dokument u hu wieġeb illi sofra n-nuqqas tal-flus ta' l-injury. Huwa qal li minn meta daħal għax-xogħol u fil-perjodu meta kien imweġġa' ma kien ngħata xejn, fol 24. Il-Qorti hawn ħadmet iż-żmien kollu u staqsiet lix-xhud jekk għal xahrejn u 16-il jum huwa kien injured u ma daħħalx flus u x-xhud wieġeb li iva, fol 25.

Xehed ukoll Frankie Schembri li huwa direttur tas-soċjeta C&M Schembri & Sons. Dan qal li l-imputat kien qiegħed bir-readymix ibattal il-konkos. Kien qed jaħsel it-trakk normali u daħħal idejh ġol-bajla. Ħadd ma jdaħħal idejh fil-bajla iżda hekk kien għamel Anthony Saliba u kiser idejh. Huwa kien ġab il-karti tal-labour office u l-karti ta' l-injury u mlewhomlu u l-kumpanija kkontendiet li ma kellha ebda ħtija. Allura huma ma kellhom ebda obbligu li jagħtuh ta' l-injury.

Kien għadda ż-żmien mill-injury. Meta daħal għax-xogħol hu talab il-flus ta' l-injury. Ix-xhud kien qallu jekk inti ser tintisti fuq l-injury claim allura mur fejn għandek tmur u staqsiehom għandekx dritt għalihom. Imbgħad lil Anthony Saliba qallu li ma setgħux ikomplu flimkien. Huwa qal illi t-termination of employment ma kienx jarahom hu. Qal kien biss jiffirmahom. Pero dik il-karta ma kienx ffirmaha.

Xehdet ukoll Janice Dalli li qalet li hija payroll clerk ma C&M Building Contractors waqt li l-imputat jagħmel xogħol differenti. Hija qalet li t-termination of employment forms hux x-xogħol tagħha. Hija kienet qabbdet lil Rodianne tagħmel transfer ta' l-impjegat minn kumpanija għal oħra. U dan isir bażikament biex ikunu jafu kull kumpanija xi spejjeż qed ikollha. Huma qalu li bagħtu dawn il-formoli lill-ETC. L-imputata kienet imliet din il-formola fuq struzzjonijiet ta' Janice Dalli. Lil Rodianne Bonniċi ma kinitx qaltilha biex tiffirma għal Anthony Saliba. Pero spjegat wkoll li dik ma kinitx il-firma ta' Anthony Saliba. Is-soltu kienu jibgħatu għall-impjegati biex jimtlew dawn il-

formoli. Ix-xhud qalet li Rodianne Bonnici ma kinitx taf xi trid tagħmel eżatt u x’ma tagħmilx. Qalet ukoll li jista jkun nuqqas tagħha li ma kinitx spjegat tajjeb lill-imputata li għandha tibgħat għall-imputat. Ma kien hemm ebda skop meta saret il-firma.

Xehed ukoll Mario Galea, spettur tax-xogħol fid-Dipartiment tax-Xogħol li qal illi Anthony Saliba kien għamel rapport lid-Dipartiment tagħhom dwar injury li kellu fuq ix-xogħol. L-imgħallem ma kienx ħallsu l-pagi minħabba li l-imgħallem kien qed jallega li Anthony Saliba weġġa bi traskuraġni. Huwa kien kellem lil Janice Dalli li kienet qalet għan-nom ta’ C&M Building Contractors li kien hemm evidenza biżżejjed li Anthony Saliba kien weġġa’ bi traskuraġni. Hija kienet tagħtu wkoll case summary maħruġ mill-isptar San Luqa. Anthony Saliba kien ġab il-karti li hu kien temm ix-xogħol ma Frank Schembri C&M Building Contractors Limited fis-7 ta’ Novembru 2003 (fol 46). Huwa kien informa lil Anthony Saliba li seta jmexxi biss sas-7 ta’ Novembru sakemm kien jidher impjegat ma C&M Building Contractors. Ix-xhud qal li ma setax jitlob leave ta’ korriment mingħand kumpanija li ma kienx weġġa magħha Anthony Saliba. Anthony Saliba baqa’ jinsisti li dik il-firma ma kinitx tiegħu. Effettivament permezz ta’ dak id-dokument kien jidher li l-impieg ma C&M Contractors kien spiċċa fis-7 ta’ Novembru. Jidher li t-total dovut lis-Sur Anthony Saliba li jammonta għal Lm328.09.

Xhieda difiża

Rodianne Bonniċi l-imputata xehdet li hija kienet taħdem mal-kumpanija C&M Building Contractors u dak iż-żmien kienet ilha taħdem hekk xi 4 snin. Hija kienet accounts clerk u mhux payroll clerk. Il-payroll clerk kienet Janice Dalli. Dak inhar kellhom bżonn jagħmlu xi transfers minn kumpanija għal kumpanija li jaqgħu taħt l-istess holding. U Janice Dalli talbitha biex timla l-karti. Imbgħad il-karti għaddiethom lilha. L-imputata qalet li ma ppruvatx timita firem. Għaliha dan kien transfer minn kumpanija għal kumpanija oħra. Sa fejn kienet taf hi l-kumpanija ma kienet ser tiggwadajna xejn b’daqshekk għax hija minn

kumpanija għal kumpanija oħra fl-istess grupp.  Minħabba li ma kienx hemm l-imputat preżenti u riedu jibgħatu l-karti lill-ETC, qabdet u kitbet 'A Saliba' bl-istess handwriting tagħha u daqshekk.

Mistoqsija jekk riditx timita l-firma tas-Sur Saliba, hija qalet ' Le bl-ebda mod.  Ktibt bl-istess kalligrafija tiegħi.' (fol 67).  Imbgħad kienet mistoqsija jekk riditx tagħmel xi ħaġa lis-Sur Anthony Saliba u l-imputata qalet illi dan kien transfer minn kumpanija għal kumpanija oħra fl-istess grupp u għal hekk hi ma setgħet tara li jista jiġri xejn b'daqshekk.    Hi fil-fatt biex timla dawn il-karti mhix xi ħaġa diffiċli.  Hi kienet kkupjat minn fuq karti oħrajn minħabba li peress li kien impjegat magħhom u kienet diġa saret karta oħra.  Fejn hemm signature of employer isfel kien kitbet il-firma tagħha pero on behalf of Mr. Schembri.  Mistoqsija mill-prosekuzzjoni fil-kontro eżami għaliex ma għamlitx l-istess għal Anthony Saliba, hija qalet le jiena ma għamiltx l-istess u qalet li kitbet bl-istess kalligrafija tagħha.  Hi qalet li kienet għamlitha hi għalkemm għaliha ma kinitx firma għaliex ma ppruvatx timita xi firma. Fil-fatt hi  ma kinitx taf il-firma ta' Anthony Saliba kif inhi, fol 71.  Hi baqgħet tinsisti li ma kienx hemm il-ħaddiem dak inhar u peress li kien bidu u tmiem ta' impieg barra dik il-formola safra suppost kien hemm formola blu bl-istess handwriting tagħha fl-istess jum u t-tnejn kitbithom l-istess suġġett.  Imbgħad spjegat għaliex hemm Brincat u qalet li għax dak iż-żmien Brincat kienet għadha mhix miżżewġa u kien wara li giet Bonnici.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Artikolu 18**

L-ewwelnett jidher li l-imputata darba biss li iffirmat 'A.Saliba' 9Fok HD 2).   Ma kien ippreżentat ebda dokument ieħor li fih l-imputata ffiramt 'A,Saliba' u għalhekk il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-imputata kisret l-istess dispożizzjoni tal-Liġi diversi drabi.  Isegwi li l-imputata m'għandhiex tinsab ħatja taħt dan l-

artikolu u l-Qorti qed tilliberaha minn din l-imputazzjoni li tidher **qabel** l-imputazzjoni 'a'.

**L-ewwel Imputazzjoni - Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9.**

L-artikolu 183 jirrekjedi bħala l-ewwel element 'any authentic and public instrument' barra tipi ta' dokumenti oħrajn. It-tieni element huwa 'counterfeiting or altering the writing or signature'.

Fil-fehma tal-Qorti, il-formola HD2 (Form ETC 103) għandha titqies bħala formola ta' l-ETC iżda mhix b'daqshekk 'an authentic and public instrument' bħalma huma, per eżempju, ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt.

Għalhekk l-ewwel element huwa nieqes u ġaladarba l-element materjali huwa nieqes isegwi li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ewwel imputazzjoni.

Iżda l-Qorti ser tmur oltre.

Nieqes ukoll l-element ta' 'counterfeiting' għaliex mix-xhieda ta' Anthony Saliba jirriżulta li l-firma magħmula mill-imputata m'għandha x'taqsam xejn ma' tiegħu u l-imputata stess qalet li hi iffirmat bil-kaligrafija nolrmali tagħha mingħajr ebda sforz beix timita kif jiffirma l-imputat.

Fl-aħħarnett l-element intenzjonali (jew il-mens rea) ma jeżistix ukoll. Mill-istqarrija ta' l-imputata jiriżulta dan il-kliem:

'Jien ktibt ismu fejn hemm miktub firma ta' l-impjegat iżda qatt m'għaddhieli minn moħħi li qed niffalsifika firma ta' ħadd ieħor.'

L-istess nuqqas ta' mens rea jdiher ukoll mix-xhieda mogħtija mill-imputata li mhux biss kienet qed tagħmel xogħol li soltu ma tagħmlux iżda li riedet biss tħaffef il-proċess billi timla l-formola u tibgħatha lill-ETC. Għall-imputata deher lid an kien biss ta' trasferiment minn kumpanija għal kumpanija oħra ta' l-istess grupp u xerjn

aktar minn formalita'  Ma nġiebet ebda prova li l-imputata kienet konxja li Anthony Saliba seta' jsofri xi preġudizzju.

Lanqas ma kien ippruvat li l-imputata '**knowingly** made use' ta' xi atti, skritturi, strumenti jew dokumenti foloz . Hawnhekk l-intenzjoni mhix ġenerika iżda speċifika.

Ġaladarba ma nġabet  ebda prova soddisfaċenti mill-Prosekuzzjoni kemm dwar l-ewwel element (l-istrument awtentiku u pubbliku) kif ukoll dwar it-tieni element, il-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni imputazzjoni**

L-elementi ta' l-artikolu 188 huma:

(a) Il-vantaġġ għal xi persuna jew għal ħadd ieħor;
(b) f'dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika;
(ċ) Għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz.

Minn dawn it-tliet elementi, fil-fehma tal-Qorti jissusisti element wieħed biss – dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika.  Il-fromola ETC 103 hija formola intiża għal xi awtorita' pubblika.  L-ETC hija awtorita' pubblika mwaqqfa b'liġi u għalhekk dwar l-eżistenza ta' dan l-element m'hemm ebda dubju.

Il-Prosekuzzjoni, iżda, naqset li tipprova li l-imputat kienet ser tgawdi xi vantaġġ jew li kellha l-intenzjoni li taġevola lil ħadd ieħor.  Għalhekk huwa nieqes l-element (a).

Huwa nieqes ukoll it-tielet element għaliex l-imputata – meta ffirmat bl-isem ta' Anthony Saliba – ma kienet qed tagħti ebda tagħrif falz. Kienet tkun tat tagħrif falz kieku tat xi dettalji dwar il-bidu u t-tmiem ta' l-impieg.  Il-firma ta' ħadd ieħor ma timmontax għal tagħrif falaz speċjalment meta mix-xhieda stess jirriżulta li dawn il-formoli l-ETC taċċettahom ukoll jekk ma jkunx hemm il-firma ta' l-impjegat.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputata mit-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputata minn kull imputazzjoni dedotta kontra tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------